MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 491/2007

**Giovanna Testa (ID 557123M), Stephen Testa (ID 84762M), Raymond Testa (ID 908551M), Frederick Testa (ID 856854M) u Joseph Testa (ID 50661M).**

**vs**

**Consiglio D'Amato.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta’ Giovanna Testa, Stephen Testa, Raymond Testa, Frederick Testa u Joseph Testa, datat 2 ta’ Mejju 2007 a fol 1 tal-process fejn jesponu bir-rispett u bil-gurament jikkonferma Raymond Testa ID 908551M): datata 7 ta’ Dicembru 2005 a fol. 1 tal-process, illi:-

Illi l-atturi huma rispettivament l-armla u l-erba’ ulied u ghalhekk l-kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti u eredi

rispettivament ta' Tancredi Testa li miet fid-29 ta' April 1977.

Illi bejn Tancredi Testa u l-konvenut Consiglio D'Amato kien hemm assocjazzjoni relattiva ghall-importazzjoni, bejgh u tiswija ta' radji u televizuri u accessorji, liema assocjazzjoni kienet ezercitata taht l-isem "Western Radio Service" fi stabbiliment f'St. Joseph High Road, Hamrun u kaxxier tal-assocjazzjoni kien il-konvenut li kien izomm f'idejh il-fondi komuni u l-kotba tan-negozju tal-assocjazzjoni.

Illi wara t-terminazzjoni tal-assocjazzjoni ma kienx hemm qbil bejn is-socji dwar l-ammont li Tancredi Testa kellu jiehu bhala sehmu tal-profitti komuni.

Illi minhabba dan l-impass, iz-zewg socji tal-assocjazzjoni kienu ftehmu bi skrittura tad-9 ta' Dicembru 1967 li jigu nkarigati erba’ komputisti, tnejn minn kull parti, biex jezaminaw il-kotba u jistabbilixxu l-ammont dovut lill-Tancredi Testa u wara li wettqu l-inkarigu taghhom, huma kkonkludew unanimament illi l-ammont dovut lil Tancredi Testa bhala s-sehem tieghu mill-profitti komuni kien ta' wiehed u ghoxrin elf lira seba’ mija u zewg liri u hdax-il centezmu (Lm21,702.11 = €50,555.32).

Illi l-awtur tal-esponenti qies il-ftehiem ta' bejniethom bhala arbitragg u billi l-konvenut ma riedx jonora l-ftehim u jhallas l-ammont hekk stabbilit, huwa kien ipproceda b'citazzjoni fl-ismijiet "**Tancredi Testa vs Consiglio D'Amato**" (Cit. Nru. 864/1972) fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma stabbilita mill-komputisti. Illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Novembru 2006, filwaqt illi l-Qorti ghamlitha cara li d-decizjoni finali taghha ma kinetx timpingi fuq il-korrettezza *o meno* tal-konkluzjonijiet statistici milhuqa mill-komputisti, laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut illi l-konkluzjonijiet tal-Komputisti ma setghux jigu accettati bhala finalitajiet arbitrali *stante* li ma gewx osservati l-formalitajiet imposti mil-Ligi dwar arbitraggi u cahdet it-talba tal-attur.

Illi mill-verifiki maghmula kemm mill-istess Tancredi Testa u kemm mill-esponenti, is-successuri tieghu, jirrizultalhom illi mill-kotba tan-negozju mizmuma mill-istess konvenut, l-ammont li kien dovut lill-awtur taghhom Tancredi Testa u issa lilhom bhala successuri tieghu bhala sehmu mill-profitti komuni tal-assocjazzjoni, jammonta ghas-somma fuq imsemmija ta' Lm21,702.11 (€50,555.32).

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Prevja li din il-Qorti tistabbilixxi u tiddikjara, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, illi fid-data tat-terminazzjoni tal-assocjazzjoni kummercjali ezistenti bejn l-awtur tal-esponenti Tancredi Testa u bejn l-konvenut l-ammont dovut lill-awtur tal-esponenti Tancredi Testa, u illum lilhom bhala s-successuri tieghu, bhala s-sehem spettanti lilu mill-profitti komuni tal-assocjazzjoni jammonta ghall-wiehed u ghoxrin elf seba' mija u zewg liri u hdax-il centezmu (Lm21,702.11 = €50,555.32);

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm21,702.11 (€50,555.32) bhala s-sehem mill-profitti komuni tal-assocjazzjoni kummercjali dovut lil Tancredi Testa u llum lill-atturi bhala s-successuri tieghu.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ewwel citazzjoni cioe` mid-19 ta' Mejju 1976 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 3, 4 u 5 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Consiglio D' Amato (Nru tal-karta tal-Identita` 421916 M) datata 11 ta' Gunju 2007 a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:-

(1) Illi l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' tletin sena ghat-tenur tal-**artikolu 2143 tal-Kodici Civili** *stante* d-dekors ta' dan it-terminu mid-data tax-xoljiment tal-assoccjazzjoni bejn l-awturi tal-attur u l-konvenut li grat fil-1961;

(2) Illi l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta bil-preskrizzjoni ta’ hames snin ghat-tenur tal-artikolu 2156 (f) u 2157 tal-Kodici civili *stante* d-dekors ta’ dan it-terminu mid-data tax-xoljiment tal-assocjazzjoni bejn l-awtur tal-atturi u l-konvenut li grat fil-1961;

(3) Illi dwar it-talba ghall-imghax l-azzjoni tal-atturi hija preskritta wkoll bil-preskrizzjoni ta’ hames snin ghat-tenur tal-artikolu 2156 (d) tal-Kodici Civili;

Illi salvi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni hawn eccepiti l-konvenut ma ghandux jaghti l-ammont mitlub mill-atturi u l-likwidazzjoni pretiza mill-attur hija erronea;

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-intimat a fol. 15 u 16  tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol 16 sa fol. 22 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta flimkien man-nota pprezentata tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli. (fol. 32 u 33).

Rat id-digriet moghti fit-8 ta’ Novembru 2007 ta’ din il-Qorti fejn l-istess Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process indikat fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2007 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u appuntat dan ir-rikors ghas-smigh ghall-finali trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Consiglio D’Amato prezentata fis-7 ta’ Mejju 2008 (fol.42).

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 9 ta’ Gunju 2008 (fol.45).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta  fejn fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2009 meta

ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri qablu li l-kawza ghandha tibqa’ ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni kollha (l-ewwel tliet eccezzjonijiet). Dr. John Buttigieg prezenta nota tad-difensuri tal-partijiet fejn qablu li ghandu jigi allegat il-process, fl-ismijiet Tancredi *sive* Eddie Testa vs Consiglio D’Amato citazzjoni numru 864/1972 deciz 13 ta’ Novembru 2006, u l-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-punti ta’ preskrizzjoni tal-25 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi bhala eredi ta’ Tancredi Testa (+29.04.2007) qed jitolbu l-hlas ta’ Lm21,702.11 bhala sehem lilha mill-profitti komuni tal-assocjazzjoni li l-istess decujus kellu mal-konvenut.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-istess Tancredi Testa u l-konvenut kellhom assocjazzjoni ghall-importazzjoni, bejgh u tiswija ta' radji u televizuri u accessorji, liema assocjazzjoni kienet ezercitata taht l-isem "Western Radio Service" fi stabbiliment f'St. Joseph High Road, Hamrun u kaxxier tal-assocjazzjoni kien il-konvenut li kien izomm f'idejh il-fondi komuni u l-kotba tan-negozju tal-assocjazzjoni, u li tali assocjazzjoni giet terminata tant li bi skrittura datata 9 ta’ Dicembru 1967 kien sar ftehim sabiex jigu appuntati 4 persuni sabiex jivverifkaw il-bilanc dovut bejn iz-zewg partijiet.

Illi dan gie ndikat fl-ammont ta’ Lm21,702.11 (nofs l-ammont ta’ Lm43,944.25 indikat fir-rapport datat 25 ta’ Gunju 1972) u saret kawza ghall-hlas ta’ l-istess ammont hekk indikat mill-istess 4 persuni kontra l-konvenut fl-ismijiet **“Tancredi Testa vs Consiglio D’Amato”** (Citaz.

Numru 864/72) li giet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Dicembru 2006 fejn gie deciz li t-talbiet attrici hemm indikati ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm21,702.11 bhala bilanc dovut lill-attur bhala sehmu mill-profitti tal-istess assocjazzjoni stabbiliti skont ir-rapport tal-persuni ndikati datat 25 ta' Gunju 1972 wara l-iskrittura tad-9 ta' Dicembru 1967 ma' setghux jigu milqugha peress li ma gewx osservati l-proceduri tal-arbitragg kollox kif jinghad fl-istess sentenza.

Illi fit-2 ta' Mejju 2007 saret din il-kawza, din id-darba fejn l-atturi bhala eredi tal-istess Tancredi Testa qed jitolbu l-hlas tal-istess somma ta' Lm21,702.11,3 bhala bilanc dovut lill-attur bhala sehmu mill-profitti tal-istess assocjazzjoni ovvjament wara li l-istess assocjazjoni msemmija giet xolta u ilha hekk xolta almenu mis-sena 1967.

Illi fl-ewwel lok il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' tletin sena a bazi tal-**artikolu 2143 tal-Kap. 16** li tipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet kollha, reali u personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba nuqqas ta' titolu jew bona fide".*

Illi jirrizulta li l-assocjazzjoni bejn il-partijiet kienet spiccat fis-sena 1961, tant li kien sar ftehim ta' kif kienu ser jaslu sabiex jigi likwidat is-sehem ta' kull parti mill-istess assocjazzjoni u dan permezz ta' skrittura datata 9 ta' Dicembru 1967, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, la darba iktar minn tletin sena mid-data ta' xoljiment tal-istess assocjazzjoni, kull azzjoni nkluz dik odjerna hija preskritta a bazi tal-**artikolu 2143,** li jirreferi b'mod mill-iktar car ghal kull azzjoni li tista' ssir. Din il-Qorti thoss li l-eccezzjoni tal-konvenut f'dan il-kuntest ghandha tigi milqugha u dan peress li jirrizulta car li l-ebda azzjoni ma tista' ssir ladarba jiddekorri dan il-perjodu minn meta setghet issir din l-azzjoni.

Illi l-atturi jsostnu li kien hemm interruzzjoni ta' preskrizzjoni b'att gudizzjarju u qed jirreferu ghall-kawza fuq citata bejn l-istess partijiet deciza fil-2006; izda tali talba hija ghal kollox differenti mill-kawza odjerna, u dan peress li kif jidher mic-citazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Tancredi Testa vs Consiglio D'Amato"** (Citaz. Numru 864/72) it-talba hemm indikata kienet sabiex jaghti effett ghal dak li l-atturi ikkunsidraw bhala ftehim bejn il-partijiet li jammonta ghall-arbitragg, mentri f'din il-kawza t-talba hija sabiex l-istess atturi jithallsu minghand il-konvenut l-ammont li qed jippretendu li huwa dovut lilhom bhala s-sehem tal-awtur taghhom mill-profitti tal-istess assocjazzjoni, u ghalhekk anke jekk applikabbli ghall-artikolu msemmi (li din il-Qorti ma' thossx li huwa l-kaz), dan ma jammontax ghall-att gudizzjarju li jikser il-preskrizzjoni skont l-**artikolu 2131** u dan peress li l-kawzali taz-zewg kawzi u pretensjonijiet attrici huma ben differenti u distinti minn xulxin. B'hekk ukoll ma jistax japplika l-**artikolu 2136 tal-Kap. 16.**

Illi din il-Qorti thoss li dawn is-sottomissjonijiet tal-atturi dwar ksur ta' preskrizzjoni ma humiex applikabbli ghall-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni a bazi tal-**artikolu 2143 tal-Kap. 16.** *Se mai* huma applikabbli ghall-preskrizzjonijiet qosra, izda f'dan il-kaz ma jreggux ukoll ghaliex l-ewwel citazzjoni bejn il-partijiet hija bbazata fuq kawzali ghal kollox differenti u distinti minn dawk tal-azzjoni odjerna, u ghalhekk l-ewwel citazzjoni ma tistax tigi kkunsidrata bhala att gudizzjarju li jikser il-preskrizzjoni ta' dak li hija l-*causa* u l-pretensjoni attrici f'din il-kawza.

Illi tenut kont ta' dak premess, l-istess azzjoni attrici hija wkoll preskritta skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** *stante* li t-terminu ta' hames snin ilu li ddekorra almenu mill-1961, u c-citazzjoni imsemmija maghmula fuq kawzali differenti bl-ebda mod ma waqqfet id-dekors ta' dan it-terminu ta' preskrizzjoni. Tapplika wkoll ghall-istess ragunijiet il-preskrizzjoni ta' hames snin skont l-**artikolu 2157 tal-Kap. 16** applikabbli ghall-ghoti ta' kontijiet kontra amministratur minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispicca, u tali amministrazjoni ilha li

spiccat 46 sena. It-talba ghall-imghax fuq l-istess somma hija wkoll preskritta skont l-**artikolu 2156 (d) tal-Kap. 16.**

Illi jekk biss ghall-grazzja tal-argument jinghad li l-ewwel citazzjoni hija ta' l-istess natura ta' dik odjerna u allura ghal dak li huma preskrizzjonijiet qosra japplika d-disposizzjonijiet ta' ksur ta' preskrizzjoni, mela allura japplika l-**artikolu 2132 (2)** fejn jirrizulta li l-azzjoni attrici ma saritx fit-terminu ndikat fl-istess artikolu ghaliex saret aktar minn hames xhur wara li giet deciza l-kawza 864/71/JA fit-13 ta' Novembru 2006, tant li l-azzjoni odjerna infethet fit-2 ta' Mejju 2007. Ghalhekk il-preskrizzjonijiet qosra ma gewx miksura b'talba gudizzjarja. Ghalhekk a bazi ta' dan kollu l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-intimat qed jigu michuda b'dan li l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-**artikolu 2143 tal-Kap. 16** u l-**artikoli 2156 (f) u 2157 u 2156 (d) tal-Kap. 16.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-intimat fir-risposta tieghu datata 11 ta' Gunju 2007, u ghalhekk tiddikjara li l-azzjoni attrici u t-talbiet attrici huma preskritti a bazi tal-**artikolu 2143 tal-Kap.16** u l-**artikoli 2156 (f) u 2157 u 2156 (d) tal-Kap.16** kif hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma preskritti kif hawn indikat.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------